# 76. Lil Tfajjel Li Miet ta’ Ħames Snin

F’tebut abjad daqs il-ġilju
mur il-għalqa tal-mistrieħ;
isellmulek b’daqqa ħelwa
mill-kampnar il-qniepen sbieħ.

Taħt is-siġar ta’ ġol-għalqa
ġismek trab dlonk jerġa’ jsir;
ruħek tfendi l-qtajja’ t’Anġli
għal fejn kienet terġa’ ttir.

Kollox sewwa qiegħed f’mewtek,
kemm hu ħelu daż-żerniq!
Tfal tfittxuhx għaliex staħbielkom,
bejn il-kwiekeb qabad triq.

F’tebut abjad daqs il-ġilju
mur il-għalqa tal-mistrieħ;
isellmulek b’daqqa ħelwa
mill-kampnar il-qniepen sbieħ.